**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Ottubru 2021**

Rikors Numru: 201/21 AL

A B

vs

C B

(MR Number 412/2012)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti kienu ngħaqdu fiz-zwieg fit-tletin (30) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) il-Belt Valletta Registru taz-Zwieg bin-numru tac-ccrtifikat 412/2012 u dan jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A".

2. ILLI minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom zewgt itfal D B ta' 12 —il sena u E B ta' 10 snin;

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment nhar ii-25 ta' Jannar 2013 permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni fl-atti tan-nutar Dottor Maria Georgakopoulos anness u mmarkat Dok "B".

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin tant li ghandhom relazzjonijiet godda ma ' terzi persuni;

5. Illi m 'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma' nies ohra;

6. Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna li r-rikorrenti tirriverti ghall-kunjom taghha ta' xebba ossija "F"

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsehekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Gunju, 2021;

Semghet lill-intimat fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Jannar, 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors ġuramentat tagħha sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u u cioe' "F" u li l-intimat mhuwiex qieghed joggezzjona ghal din it-talba;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "F", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.